PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**20 ta' Novembru, 2022**

# BŻONN MIN IMEXXINA

Il-gwerra fl-Ukrajna wriet kemm huwa importanti li l-poplu jkollu tmexxija msejsa fuq id-dritt, is-sewwa u l-kuraġġ. Il-President Zelensky qed jiddefendi lil pajjiżu martorjat. In-nies għaddew minn kollox, minn tbatijiet kbar. Imma l-mexxej tal-Ukrajna baqa' hemm, maġenb niesu, ikellimhom kuljum. Kuljum jgħid xi ħaġa, gideb minn fommu ma jistennewx u n-nies jafu li qiegħed hemm f'nofshom, bħal ragħaj. U l-poplu Ukren baqa' fuq saqajh. Ġiet id-dalma, inqata' d-dawl, jinsabu fil-ksieħ imma l-poplu ma tilifx ħiltu.

Iva, ilkoll kemm aħna għandna min imexxina, b'ġustizzja, b'sens ta' qadi, b'sagrifiċċju persunali, b'sogru għall-ħajja. Qegħdin f'għeluq is-sena tal-Knisja. Aħna l-Insara niċċelebraw Kristu Sultan. Il-Vanġelu ta' dan il-Ħadd jippreżentalna lil Ġesù Msallab, dak li ta l-aħħar qatra ta' demmu għalina. Sultan, li jaqdi, li ssibu dejjem biex jilqgħek u jifhmek. Kif ġibna ruħna ma' Ġesù matul is-sena li għaddiet? Insejnieh? Ftakarna li hu dejjem hemm, jistenniena? Min jiekol ġismi jgħix għal dejjem, qalilna. Kristu Sultan, fid-dlam tal-lejl ħarisna.



Kristu Sultan, demmek u laħmek aħna. Kristu Sultan, irrikonċiljana man-natura, mal-proxxmu, miegħek.

Kristu Sultan, tħalli ebda pajjiż, ebda bniedem, jaqgħu taħt il-poter tal-Ħażin.

Kristu Sultan, Ragħaj li tmexxi l-merħla, aħkem fuqna bl-awtorità ta' mħabba u ta' Qaddej li int.

Poplu mingħajr mexxej hu bħal merħla mingħajr il-kura tar-ragħaj.

Nidħlu għas-sena l-ġdida, f'dan l-Avvent li se nibdew, billi ngħidulu, "Ejja Mulej Ġesù" Saltan fuqna int!

***L-Arċipriet***

**PROĊESS TAD-DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA F'GĦAWDEX 2023-2024**

Nixtiequ ninfurmawkom li sal-25 ta' Novembru ser jiġu ppubblikati r-regolamenti għad-dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex. Aktar informazzjoni ssibuha fuq il-website www.knisja.mt

**GĦOTJA TA' MUŻIKA:** nirringrazzjaw lil Mons. Ġużeppi Grech li għamel donazzjoni ta' tliet biċċiet mużika manuskritti lill-parroċċa. Dawn il-manuskritti ħarġu minn idejn l-Arċipriet Toninu Camilleri. Il-manuskritti huma *Inno al Santo Martire Coronato* (1900), *Responsorio di Santo Antonio* (1905) u *Ave Maris Stella* (1906).

**AVVIŻI:**

**IL-LEĠJUN IFAKKAR:** lill-fundatur Frank Duff waqt il-quddiesa ta' nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru fis-6:30pm. Stedina miftuħa għal kulħadd.

**GIVE THANKS:** huwa mument ta' riflessjoni u talb għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ sabiex jiċċelebraw Thanksgiving. Apparti l-prayer spaces li wieħed jista' jsib ser ikun hemm ukoll xi saċerdoti għall-qrar jew għal xi diskursata spiritwali. Dan l-avveniment ser isir nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru fit-8pm fil-Knisja.

**QUDDIESA GĦALL-BENEFATTURI:** mejtin tal-Banda Mnarja nhar il-Ħamis 24 ta' Novembru, fis-7:00pm fil-Każin tal-Banda.

**IL-PARTIT NAZZJONALISTA:** javża li se ssir quddiesa b'suffraġju ta' Joseph Muscat u membri mejtin tal-Partit, nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù fil-5:30pm.

**IL-FAMILJA TLUGĦ U NŻUL:** il-laqgħa li jmiss għall-ġenituri li qed irabbu tfal u adolexxenti. Se ssir nhar is-Sibt 26 ta' Novembru fis-7:30pm f'Dar San Pietru u San Pawl fi Triq Diċembru 13. It-tema se tkun: Meta nifhmu lil xulxin, nikbru flimkien. Kelliema: Ms Maria Grech Debono, Terapista tal-Familja. Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.

**L-GĦAQDA TAN-NAR 29 TA' ĠUNJU:** tixtieq tavża li ser torganizza quddiesa b'suffraġju għall-membri mejtin tal-għaqda, nhar il-Ħadd li ġej, 27 ta' Novembru, fil-kappella Santa Tereża ta' Kalkutta, ta' Kenuna fl-10:00am. Kulħadd huwa mistieden.

**GĦAN-NISA WKOLL:** fin-Nadur hawn ukoll dawn iż-żewġ praesidia tal-Leġjun ta' Marija li jiltaqgħu f'Dar l-Imnarja. "Marija Addolorata" nhar ta' Erbgħa fl-4:30pm u "Bint Sant'Anna" nhar ta' Ħamis fil-5:00pm. Aħsibha ftit u agħmel kuraġġ biex tissieħeb bi prova.

**IĊ-ĊIMITERJI:** infakkru lil dawk li għandhom qabar fiċ-ċimiterji u għadhom ma ġewx l-Uffiċċju Parrokkjali, sabiex iwasslu l-€20 tal-manutenzjoni lil Antonia Vella. Nirringrazzjaw lil kulħadd.

**KIF TGĦIN LILL-PARROĊĊA:** fil-parroċċa għandna l-grupp, *Il-Benefatturi*, li ta' kull xahar jagħtu €5 għaż-żamma tal-bini u għall-pastorali. Wieħed jista' jissieħeb billi jitlob il-librett li hemm apposta. Min jaraha bi tqila jiġi darba fix-xahar biex jagħti l-offerta fl-Uffiċċju, jista' jagħti €60 kull sena.

**RESTAWR:** bħalissa Mark Falzon qiegħed jirrestawra tliet konfessjonarji tal-injam li jintużaw fil-knisja. Xi snin ilu kien diġà ġie rrestawrat wieħed minnhom. Dettall importanti għal dawk li jħobbu l-Istorja, hu l-fatt li fuq dahar wieħed mill-konfessjonarji nstab dal-kliem miktub bil-lapis: COSTANTINO BORG 24 Marzo 1888, Birchicara. Wieħed jissopponi li din id-data hija dik ta' meta tlesta dan il-konfessjonarju. Jingħad li l-injam tas-sagristija (il-kasserizzi) u l-kor ukoll huma ta' dan Costantino Borg.

**NIRRINGRAZZJAW** lil Mary Debono ta' *The Leather House* li ġentilment irregalat żewġ covers tal-ġild li bihom inksew il-Missali li jintużaw fuq l-artal.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am